A.L. 96 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma u Grad ta' Master in Translation, u għall-Postgraduate Diploma u Grad ta' Master in Interpreting, u għall-Postgraduate Diploma u Grad ta' Master in Translation and Interpreting

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma u Grad ta' Master in Translation, u għall-Postgraduate Diploma u Grad ta' Master in Interpreting, u għall-Postgraduate Diploma u Grad ta' Master in Translation and Interpreting.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Arti;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"id-Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Translation, u l-Postgraduate Diploma in Interpreting, u l-Postgraduate Diploma in Translation and Interpreting;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Translation, u l-grad ta' Master in Interpreting, u l-grad ta' Master in Translation and Interpreting; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għall-Postgraduate Diploma u grad ta' Master in Translation, u għall-Postgraduate Diploma u grad ta' Master in Interpreting, u għall-Postgraduate Diploma u grad ta' Master in Translation and Interpreting.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għad-dħul fil-Kors għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikollhom grad universitarju rikonoxxut (fi kwalunkwe suġġett) jew kwalifika meqjusa mis-Senat bħala ekwivlenti għal grad; u

(b) jgħaddu minn test ta' profiċjenza u minn testijiet oħra u minn intervista li jsiru għal dan il-għan.

(2) It-test ta' profiċjenza huwa maħsub biex jassigura li l-appliaknti għandhom ħakma sħiħa tal-lingwa materna (il-Malti u/jew l-Ingliż) u jafu sew żewġ lingwi oħra. Testijiet oħra jeżaminaw il-kapaċita' ta' komunikazzjoni ta' l-applikanti, kif ukoll il-kapaċita' li jikkonċentraw, il-ħila fl-analiżi u fis-sintesi tal-lingwa, il-kapacita' li jaħdmu taħt pressjoni, u l-interess tagħhom fl-affarijiet internazzjonali.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-kors li jwassal għad-Diploma jinfirex fuq sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn ta' studju fuq bażi *part-time.* Il-kors li jwassal għad-Diploma in Interpreting jista' jkun offrut ukoll fuq sena ta' studju fuq bażi *full-time* (wara l-ħin).

(2) Il-kors li jwassal għall-Grad jinfirex fuq perijodu ieħor ta' mhux aktar minn sitt xhur ta' studju fuq bażi *full-time* jew sena ta' studju fuq bażi *part-time.* Il-Bord jista', qabel il-preżentazzjoni tad-dissertazzjoni, jestendi dan il-perijodu b'perijodu ieħor li ma jaqbiżx it-tnax-il xahar.

(3) L-istudenti jistgħu, bil-permess tal-Bord ta' l-Istudji, jirreġistraw fuq bażi *part-time.* Kull perijodu ta' studju jew ta' riċerka fuq bażi *part-time* jkun ikkunsidrat ekwivalenti għal nofs l-istess perijodu ta' studju jew ta' riċerka fuq bażi *full-time.*

(4) L-istudenti, kemm jekk fuq bażi *full-time* kemm jekk fuq bażi *part-time,* għandhom jirreġistraw fil-bidu ta' kull sena akkademika.

L-Istruttura tal-Kors għad-Diploma

5. (1) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jħabbar liema qasam/oqsma ta' studju se jkunu offruti f'xi sena partikolari, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) Il-programm ta' l-istudji għall-qasam/oqsma offruti għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu tal-Kors u għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu ECTS. Huwa għandu jindika liema taqsimiet studju huma offruti matul kull sena tal-Kors fuq bażi *part-time,* u liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew qabel taqsimiet studju oħra.

(3) Il-Kors/korsijiet jistgħu jkunu offruti fl-oqsma ta' studju li ġejjin: fit-Translation u/jew fl-Interpreting għal u/jew minn kwalunkwe lingwa kif approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(4) Il-lista tal-lingwi offruti fil-programm ta' l-istudji għandha tkun ippubblikata qabel il-bidu ta' kull Kors.

(5) Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju għal kull qasam ta' studju. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa tal-Marki	Grad
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex tkun ikkalkulata l-klassifikazzjoni finali tar-rikonoxximenti.

7. L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju mgħallma għandhom ikollhom valutazzjoni supplimentari darba biss. Jekk ma jgħaddux, l-istudenti jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors. Fil-valutazzjonijiet supplimentari, l-ogħla marki u grad li jistgħu jingħataw huma 45% - grad D.

8. L-eżamijiet orali/prattiċi jistgħu jiġu rrekordjati.

L-Għoti tad-Diploma

9. L-istudenti jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-għoti tad-Diploma jekk jiksbu 60 kredtu. Ir-riżultat finali ta' kull student għandu jqis ir-riżultati kollha miksuba fil-valutazzjonijiet tal-komponenti mgħallma u prattiċi tal-Kors, li għandhom jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għal kull wieħed.

10. L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

L-Istruttura tal-Kors għall-Grad

11. L-istudenti li jtemmu b'suċċess il-programm ta' l-istudji għad-Diploma jistgħu japplikaw biex ikomplu għall-kors li jwassal għall-grad ta' Master.

12. (1) Il-programm ta' l-istudji għall-Grad għandu jikkonsisti f'riċerka u fil-kitba ta' dissertazzjoni dwar suġġett approvat, normalment ta' mhux aktar minn 30,000 kelma, li għalihom hemm assenjati 30 kredtu ECTS. Id-dissertazzjoni għandha tkun jew rekord ta' xogħol oriġinali jew espressjoni ordnata u kritika ta' *data* eżistenti dwar suġġett partikolari. Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa lill-Bord ta' l-Eżaminaturi dwar il-lingwa u l-preżentazzjoni letterarja.

(2) L-istudenti għandhom jippreżentaw il-proposta ta' riċerka tagħhom għad-dissertazzjoni għall-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel it-tmiem tal-kors għad-Diploma jew kif avżat mill-Bord ta' l-Istudji.

(3) L-ebda dissertazzjoni ma tkun milqugħa jekk tkun identika fis-sustanza għal dokument diġa' sottomess għal grad ta' din l-Universita' jew ta' universita' oħra jew għal xi materjal ippubblikat ieħor. Iżda, l-istudenti ma jinżammux milli jinkorporaw xogħol li sar qabel li jista' jkun meħtieġ għall-preżentazzjoni u għal fehim isħeħ ta' l-espożizzjoni tagħhom, sakemm li x-xeħta u l-medda tax-xogħol inkorporat ikunu indikati biċ-ċar fid-dissertazzjoni nnifisha.

Is-Superviżjoni tad-Dissertazzjoni

13. Il-Bord għandu jaħtar superviżur għal kull student. Is-superviżuri għandhom jeħtieġu li l-istudenti jirrappurtaw għandhom mill-anqas darba kull tlett xhur, jew aktar spiss kif is-superviżuri jidhrilhom li hemm bżonn. Is-superviżuri jistgħu jirreferu lill-Bord ta' l-Istudji l-istudenti li jqisu li x-xogħol tagħhom mhux sodisfaċenti u għandhom jirreferu xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-

dissertazzjoni għall-approvazzjoni tal-Bord. L-ebda dissertazzjoni m'għandha tingħata lill-eżaminaturi mingħajr ċertifikat, iffirmat mis-superviżur, li jikkonferma li d-dissertazzjoni ma tmurx kontra dawn ir-regolamenti.

L-Eżami tad-Dissertazzjoni

14. (1) Kull dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur skond ir-Regolamenti ta' l-Eżamijiet ta' l-Universita'. Wieħed mill-eżaminaturi għandu normalment ikun eżaminatur barrani minn universita' oħra.

(2) L-istudenti għandhom normalment joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom.

Is-Sottomissjoni mill-ġdid tad-Dissertazzjoni

15. L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom ma tkunx sodisfaċenti jistgħu jitħallew mill-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi, jerġgħu jissottomettuha f'għamla riveduta fi żmien perijodu ta' mhux anqas minn sitt xhur u mhux aktar minn tnax-il xahar mill-jum li fih tkun riferuta lura lilhom.

L-Għoti tal-Grad

16. (1) Ir-riżultat finali għall-għoti tal-Grad għandu jqis il-mertu tad-dissertazzjoni u d-difiża orali tagħha.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.